KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ppreżentati fil-31 ta' Mejju 2016 [1]

Kawża C-169/15

Montis Design BV
vs
Goossens Meubelen BV

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Benelux Gerechtshof (qorti tal-ġustizzja tal-Benelux)]

"Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Tul tal-protezzjoni — Estinzjoni u tiġdid tad-drittijiet tal-awtur"

1. Fil-kawża bejn il-kumpanniji Montis Design B.V. u Goossens Meubelen B.V. (iktar 'il quddiem, "Montis" u "Goossens", rispettivament), il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) għamlet [2] quddiem il-Benelux Gerechtshof (qorti tal-ġustizzja tal-Benelux) domanda ta' interpretazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu U(2) tal-protokoll li jemenda l-liġi uniformi tal-Benelux dwar id-disinni u l-mudelli (iktar 'il quddiem, "Protokoll") [3], li abbażi tiegħu tħassar l-Artikolu 21 tal-imsemmija liġi (iktar 'il quddiem, "LBDM").

2. Il-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux, qabel ma ddeċidiet fuq id-domanda magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja tliet domandi preliminari, peress li tqis li s-soluzzjoni għat-tilwima tiddependi fuq l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/98/KEE [4].

3. It-tilwima għandha l-oriġini tagħha fl-Artikolu 21(3) tal-LBDM, li jgħid li d-detenturi ta' drittijiet tal-awtur fuq mudelli u disinni, marbutin mal-protezzjoni ta' dawn tal-aħħar, jitilfu d-drittijiet tal-awtur tagħhom jekk ma jwettqux dikjarazzjoni ta' żamma. Il-konsegwenza immedjata tan-nuqqas ta' twettiq ta' din il-formalità kienet li dawn id-drittijiet isiru ta' dominju pubbliku.

4. Il-kritika ta' din il-liġi u l-inkompatibbiltà tagħha, f'dan ir-rigward, mal-Konvenzjoni ta' Berna [5] wasslu lil-leġiżlatur tal-Benelux biex, fl-2002, iħassar l-Artikolu 21(3) tal-LBDM. Il-Protokoll ta' tħassir, madankollu, ma pprovdiex sistema tranżitorja u lanqas ma ċċara x'jista' jiġri bid-drittijiet tal-awtur estinti minħabba l-applikazzjoni tal-LBDM.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Id-deċiżjoni li jsiru d-domandi preliminari, tat-13 ta' Diċembru 2013, ġiet adottata skont l-Artikolu 6 tat-Trattat, tal-31 ta' Marzu 1965, dwar l-istabbiliment u l-istatus tal-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux.

3 — Protocol houdende wijziging van de Eenvormige Beneluxwet inzake tekeningen of modellen, iffirmat fi Brussell fl-20 ta' Ġunju 2002.

4 — Direttiva tal-Kunsill, tad-29 ta' Ottubru 1993, li tarmonizza d-dewmien ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ċerti drittijiet relatati (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol, 1, p. 141).

5 — Il-Konvenzjoni ta' Berna għall-ħarsien ta' xogħlijiet litterarji u artistiċi (Att ta' Pariġi tal-24 ta' Lulju 1971), kif emendata fit-28 ta' Settembru 1979 (iktar 'il quddiem "Il-Konvenzjoni ta' Berna"). Il-verżjoni Spanjola tista' tiġi kkonsultata fuq http://www.wipo.int/edocs/lexdocs/treaties/es/berne/trt_berne_001es.pdf

5. Sadanittant, id-Direttiva 93/98 kienet armonizzat it-tul tad-drittijiet tal-awtur fl-Istati Membri kollha, filwaqt li estendiet it-terminu ta' protezzjoni tagħhom għal sebgħin sena wara l-mewt tal-awtur, mingħajr il-bżonn li d-detenturi tagħhom ikunu obbligati li jippreżentaw "dikjarazzjonijiet ta' żamma" jew formoli simili. Id-Direttiva 93/98 ipprovdiet ukoll it-tiġdid, f'ċirkustanzi partikolari, tad-drittijiet tal-awtur inkorporati fid-dominju pubbliku.

6. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qosor, dwar l-effett tad-Direttiva 93/98 fuq il-kawża prinċipali. B'mod speċjali, tixtieq tkun taf jekk, skont din id-direttiva, id-drittijiet tal-awtur estinti (minħabba n-nuqqas ta' twettiq tar-rekwiżit formali meħtieġ mil-LBDM) għandhomx jiġġeddu u, jekk iva, minn liema data.

I – Il-kuntest leġiżlattiv

A – *Id-dritt tal-Unjoni Ewropea*

7. L-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-proprjetà intellettwali seħħet primarjament permezz tad-Direttiva 93/98, li wara ġiet emendata [6] u mħassra bid-Direttiva 2006/116/CE [7], li tikkodifika l-verżjonijiet preċedenti.

8. Peress li l-fatti tal-kawża jirreferu għaż-żmien li fih kienet għadha fis-seħħ id-Direttiva 93/98 u b'kunsiderazzjoni, barra minn hekk, tal-fatt li d-direttiva bħalissa fis-seħħ ma bidlitx il-kontenut tal-artikoli rilevanti għal din il-kawża, se jiġu traskritti hawn taħt ir-regoli li jinsabu f'din id-direttiva.

9. Il-premessa 11 tipprevedi:

"Billi biex tistabbilixxi livell għoli ta' protezzjoni li fl-istess ħin jissodisfa r-rekwiżiti tas-suq lokali u l-ħtieġa li tistabbilixxi ambjent legali li jwassal għal żvilupp ta' konkordanza fil-ħolqien letterarju u artistiku fil-Komunità, id-dewmien [it-tul] ta' protezzjoni għad-drittijiet ta' l-awtur għandu jkun armonizzat għal 70 sena wara l-mewt ta' l-awtur jew 70 sena wara li x-xogħol ikun ġie legalment disponibbli għall-pubbliku, […]".

10. Il-premessa 27 tipprevedi dan li ġej:

"Billi rispett għad-drittijiet miksuba [kweżiti] u espettazzjonijiet [tal-aspettattivi] leġittimi huwa parti mill-ordni legali tal-Komunità; billi l-Istati Membri jistgħu jipprovdu b'mod partikolari li f'ċerti ċirkustanzi d-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati li joħorġu skond din id-Direttiva ma jagħtux lok għall-ħlasijiet minn persuni li jkunu jassumu i*n bona fide* l-isfruttar tax-xogħlijiet fil-ħin meta dawn ix-xogħlijiet kienu fl-isfera pubblika".

11. Skont l-Artikolu 1(1):

"1. Id-drittijiet ta' awtur ta' xogħol artistiku u letterarju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Berna għandhom idumu tul il-ħajja ta' l-awtur u għal 70 sena wara mewtu, irrispettivament mid-data meta x-xogħol ikun legalment disponibbli għall-pubbliku".

6 — B'mod partikolari, bid-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

7 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar il-perijodu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati (ĠU L 372, p. 12).

12. L-Artikolu 10, bit-titolu “Applikazzjoni fil-ħin”, jipprevedi fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

“2. Id-dewmien [it-tul] ta’ protezzjoni li hemm provdut dwarhom f’din id-Direttiva għandhom japplikaw għax-xogħlijiet kollha li huma protetti f’għall-inqas Stat Membru wieħed, fid-data msemmija fl-Artikolu 13(1), skond id-Disposizzjonijet nazzjonali fuq id-drittijiet ta’ l-awtur jew drittijiet relatati jew li jissodisfaw il-kriterji għall-protezzjoni skond id-Direttiva KEE/92/100 [8]

3. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull att ta’ sfruttament imwettaq qabel id-data msemmija fl-Artikolu 13(1). Stati Membri għandhom jadottaw id-disposizzjonijet meħtieġa biex jipproteġu b’mod partikolari drittijiet miksuba [kweżiti] ta’ pajjiżi barranin”.

13. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1):

“1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma’ l-Artikoli 1 sa 11 ta’ din id-Direttiva qabel l-1 ta’ Lulju 1995”.

14. L-armonizzazzjoni tad-disinni u l-mudelli saret permezz tad-Direttiva 98/71/KE[9], li l-Artikolu 17 tagħha jirregola r-relazzjoni ta’ dawn id-drittijiet ta’ proprjetà industrijali mad-drittijiet tal-awtur (il-“prinċipju tal-kumulu”)[10] bit-termini li ġejjin:

“Disinn protett minn dritt ta’ disinn reġistrat fi jew għal Stat Membru skond din id-Direttiva għandu jkun eliġibbli wkoll għal protezzjoni taħt il-liġi tad-dritt tal-awtur ta’ dak l-Istat sa mid-data li fiha d-disinn ikun inħoloq jew stabbilit f’kull forma. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sa fejn u l-kondizzjonijiet li bihom tingħata dik il-protezzjoni, magħdud il-grad ta’ oriġinalità meħtieġ”.

B – *Il-Konvenzjoni ta’ Berna*

15. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ma hijiex parti mill-Konvenzjoni ta’ Berna, hija marbuta magħha indirettament permezz tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (“TRIPS”) li jinsab fl-Anness 1C tal-Ftehim ta’ Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li hija parti minnu[11].

16. Skont l-Artikolu 9(1) tal-Ftehim TRIPs:

“Il-Membri għandhom iħarsu lejn l-Artikoli 1 sa 21 tal-Konvenzjoni ta’ Berne (1971) u l-Appendiċi tagħha. Madankollu, il-Membri ma għandhomx ikollhom id-drittijiet jew l-obbligi taħt dan il-Ftehim dwar id-drittijiet mogħtija taħt l-Artiklu 6bis ta’ dik il-Konvenzjoni jew id-drittijiet li joħorġu minnu”.

8 — Direttiva tal-Kunsill, tad-19 ta’ Novembru 1992, dwar dritt ta’ kiri u dritt ta’ self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120), kif emendata bid-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta’ Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 376, p. 28).

9 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta’ Ottubru 1998, dwar il-protezzjoni legali ta’ disinji (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 120).

10 — Ara l-premessa 8 tad-Direttiva 98/71.

11 — Il-Komunità Ewropea approvat dan permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, Nru 94/800/KE, tat-22 ta’ Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x’jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta’ negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

17. L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna jipprovdi:

"2) It-tgawdija u l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ma għandhom ikunu suġġetti għal ebda formalità u t-tnejn huma indipendenti mill-eżistenza ta' protezzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tax-xogħol. Barra minn hekk, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni, il-portata tal-protezzjoni kif ukoll ir-rimedji proċedurali mogħtija lill-awtur sabiex jiddefendi d-drittijiet tiegħu għandhom jiġu rregolati esklużivament mil-liġijiet tal-pajjiż fejn qed tintalab il-protezzjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

C – *Id-dritt tal-Benelux*

18. Skont l-Artikolu 12 tal-LBDM [12], ir-reġistrazzjoni ta' disinn jew mudell huwa validu għal ħames snin, mid-data tal-applikazzjoni.

19. L-Artikolu 21(1) tal-LBDM kien jipprevedi (qabel it-tħassir tiegħu) li disinn jew mudell ta' natura artistika partikolari jista' jkun protett kemm b'din il-liġi kif ukoll bil-liġijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur, jekk ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tat-tnejn li huma.

20. Skont l-Artikolu 21(3) tal-LBDM (għal darb'oħra, qabel it-tħassir tiegħu), l-annullament tar-reġistrazzjoni ta' disinn jew ta' mudell ta' natura artistika partikolari jew l-estinzjoni tad-dritt esklużiv li jirriżulta minn dik ir-reġistrazzjoni jwasslu għall-iskadenza simultanja tad-drittijiet tal-awtur fuq dan id-disinn jew mudell, sakemm iż-żewġ drittijiet ikunu jappartjenu lill-istess detentur; l-estinzjoni ma sseħħx, madankollu, jekk id-detentur tad-disinn jew tal-mudell jippreżenta, skont l-Artikolu 24 [13], dikjarazzjoni speċjali sabiex iżomm id-drittijiet tal-awtur tiegħu [14].

21. Wara li l-Hoge Raad iddeċidiet li din id-dispożizzjoni kienet tmur kontra l-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna, l-Artikolu U tal-Protokoll ħassar l-Artikoli 21 u 24 tal-LBDM [15].

22. Il-Protokoll daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2003 u la kien fih xi dispożizzjoni legali tranżitorja u lanqas xi indikazzjoni tal-effett retroattiv eventwali tar-revoka introdotta minnu.

II – Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-domandi preliminari

23. Il-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux fid-deċiżjoni tagħha spjegat il-fatti tal-kawża kif ipprovdut mill-Hoge Raad, li se nikkunsidra hawn.

24. Il-kumpannija Montis ilha timmanifattura l-għamara mill-1974 fil-Pajjiżi l-Baxxi. Sa mill-1983 ilha tikkummerċjalizza l-pultruna msejħa Charly, iddisinjata minn Gerard van den Berg. Fl-1987, ispirat minn din il-pultruna, huwa ddisinja wkoll is-siġġu għas-sala tal-pranzu jismu Chaplin, imqiegħed għall-bejgħ ukoll.

25. Fid-19 ta' April 1988, is-Sur van den Berg talab ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' mudell (Nru DM/010786), *inter alia*, għall-pultruna Charly u għas-siġġu Chaplin, filwaqt li indika li Montis kienet id-detentur tal-mudell u Gerard van den Berg id-disinjatur tiegħu.

12 — Tractatenblad, Nru 1966, p. 13.

13 — Skont l-Artikolu 24, id-dikjarazzjoni pprovduta fl-Artikolu 21 kellha ssir, akkumpanjata mill-ħlas tat-tariffa korrispondenti, matul is-sena ta' qabel l-estinzjoni tad-dritt esklużiv fuq id-disinn jew mudell.

14 — Skont l-osservazzjonijiet komuni tal-Gvernijiet tal-pajjiżi tal-Benelux dwar il-ħtieġa tad-dikjarazzjoni ta' żamma (iċċitati mill-Avukat Ġenerali Timmerman fil-punt 3.6 tal-konklużjonijiet tiegħu quddiem il-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux), "[...] deher indispensabbli li tingħata sanzjoni pjuttost severa għall-assenza ta' tali dikjarazzjoni, id-drittijiet tal-awtur mhux iddikjarati jiġu estinti fl-istess waqt tad-dritt fuq il-mudell, li miegħu ġie akkumulat" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

15 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

26. Fl-1990, Gerard van den Berg ta lil Montis id-drittijiet tal-awtur tiegħu fuq iż-żewġ sedili Charly u Chaplin.

27. Fit-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin tar-reġistrazzjoni tal-mudelli (jiġifieri, fl-1993) Montis ma kinitx ippreżentat id-dikjarazzjoni ta' żamma pprovduta f'dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM. Permezz ta' din id-dispożizzjoni, fit-18 ta' April 1993 ġew estinti d-drittijiet tal-awtur u tal-mudell, li kellha Montis.

28. Fl-2008, Montis ħarrket lil Goossens minħabba li kienet tal-opinjoni li s-siġġu Beat, li din tal-aħħar tbigħ fil-ħwienet tal-għamara tagħha, jikser id-drittijiet tal-awtur tagħha fuq is-sedili Charly u Chaplin. Goossens oġġezzjonat li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' żamma, skont it-tifsira ta' dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM, kienet wasslet għall-iskadenza ta' tali drittijiet tal-awtur.

29. Montis wieġbet li d-drittijiet tal-awtur tagħha kienu ġew imġedda minħabba t-tħassir, fl-1 ta' Diċembru 2003, ta' dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM. It-tħassir, fil-fehma tagħha, kellu effetti retroattivi. Hija sussidjarjament sostniet ukoll, li d-drittijiet kienu ġġeddu b'mod retroattiv għall-l ta' Lulju 1995, jiġifieri fid-data pprovduta fl-Artikolu 10(2), moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/98.

30. Wara li parzjalment tilfet fl-ewwel istanza u fl-appell, Montis ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-Hoge Raad, li ssospendiet il-proċedura sakemm il-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux tiddeċiedi dwar iż-żewġ domandi preliminari ta' interpretazzjoni ta' dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM li għamlitilha.

31. Peress li, skont il-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux, ir-risposta li għandha tingħata tiddependi fuq l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari, tal-Artikolu 10 moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/98), din il-qorti ppreżentat, min-naħa tagħha, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-perijodu ta' protezzjoni msemmi fl-Artikolu 10, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva [93/98] huwa applikabbli għad-drittijiet tal-awtur li kienu inizjalment protetti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur, iżda li ġew estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995 minħabba li ma ssodisfawx jew ma ssodisfawx fil-ħin rekwiżit proċedurali, senjatament l-assenza ta' preżentazzjoni jew ta' preżentazzjoni fil-ħin ta' dikjarazzjoni ta' żamma kif prevista fl-Artikolu 21(3) (preċedenti) tal-[LBDM]?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv:

Id-Direttiva [93/98] għandha tiġi interpretata fis-sens li din tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timplika li d-drittijiet tal-awtur fuq xogħol tal-arti applikata li huma estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995 minħabba li ma jkunux issodisfaw rekwiżit proċedurali għandhom jitqiesu li huma definittivament estinti?

3) Fil-każ li r-risposta għat-tieni domanda hija fl-affermattiv:

Jekk id-drittijiet tal-awtur inkwistjoni għandhom jitqiesu mġedda jew li ġew imġedda f'xi żmien partikolari skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, minn liema data seħħ dan it-tiġdid?"

III – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-argumenti tal-partijiet

A – *Il-proċedura*

32. Id-digriet tar-rinviju wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' April 2015.

33. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern tal-Portugall u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

34. Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2016 dehru r-rappreżentanti ta' Montis, ta' Goossens u tal-Kummissjoni Ewropea.

B – *Sommarju tal-osservazzjonijiet ippreżentati*

35. Skont Montis, id-domandi magħmula mill-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux għandhom ikunu estiżi għall-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71 u jingħataw risposta fis-sens li dan l-artikolu jmur kontra dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM, b'tali mod li d-drittijiet tal-awtur ġew imġedda fis-17 ta' Novembru 1998 (jiġifieri fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 98/71).

36. Sussidjarjament, Montis tipprovdi li l-artikolu kkontestat tal-LBDM ma għandu ebda effett, minħabba li jmur kontra l-Artikolu 7(4) moqri flimkien mal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna, u għalhekk id-drittijiet tal-awtur tagħha ma kinux skadew fid-19 ta' April 1993. U, b'mod iktar sussidjarju, hija ssostni li l-obbligi tal-Konvenzjoni ta' Berna jaqa' taħt id-"disposizzjonijet nazzjonali" tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98. Din il-premessa tal-aħħar tfisser li d-drittijiet tal-awtur kienu ġew imġedda fl-1 ta' Lulju 1995, id-data ta' skadenza għall-inkorporazzjoni ta' din id-direttiva fl-ordinament ġuridiku nazzjonali.

37. Fil-qosor, Goossens temmen li fl-1 ta' Lulju 1995 ma kienx hemm drittijiet tal-awtur protetti fl-Unjoni fuq is-sedili Charly u Chaplin, u għalhekk ma setgħux jiġu mġedda bħala riżultat tad-Direttiva 93/98. Hija targumenta wkoll li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (b'mod partikolari s-sentenzi fil-kawżi Sony Music Entertainment [16] u Butterfly Music [17]) ma hijiex rilevanti biex jiġi deċiż dan il-każ, peress li tirrigwarda każijiet li fihom id-drittijiet ikkontestati kienu protetti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni, u l-estinzjoni tagħhom kienet dovuta għall-iskadenza tat-terminu ta' protezzjoni u mhux, bħal f'dan il-każ, għall-ksur ta' formalità.

38. Goossens tqis ukoll, fir-rigward tas-sentenza Flos [18], li l-armonizzazzjoni tat-terminu ta' protezzjoni ma tkoprix il-modalitajiet ta' eżerċizzju tiegħu, b'tali mod li d-Direttiva 93/98 ma tmurx kontra dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM.

39. Skont Goossens, bħala massimu, it-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur fuq is-sedili Charly u Chaplin kien seħħ fl-1 ta' Diċembru 2003, jiġifieri fil-jum li fih ġie mħassar l-Artikolu 21 tal-LBDM. Il-prinċipju taċ-ċertezza legali jipprekludi li l-1 ta' Lulju 1995 jitqies bħala d-data tat-tiġdid ta' dawk id-drittijiet. Għalhekk, hija tipproponi li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda preliminari, u dan ikun neċessarjament iffisser li ma jkunx hemm bżonn li tingħata deċiżjoni fuq it-tnejn l-oħra.

16 — Sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, C-240/07; EU:C:2009:19.

17 — Sentenza tad-29 ta' Ġunju 1999, C-60/98, EU:C:1999:333.

18 — Sentenza tas-27 ta' Jannar 2011, C-168/09; EU:C:2011:29.

40. Il-Gvern Portugiż jiddikjara li l-prinċipju tat-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur imur kontra l-għanijiet tad-Direttiva 93/98, iżda, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taċċettax din it-teorija, jemmen li t-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur estinti jseħħ, skont din id-direttiva, indipendentement minn x'kienet ir-raġuni għall-estinzjoni tagħhom, speċjalment jekk kienet tmur kontra l-Konvenzjoni ta' Berna. Għalhekk, huwa jissuġġerixxi li b'risposta għat-tielet domanda d-data ta' tiġdid tad-drittijiet tal-awtur ta' Montis hija l-1 ta' Lulju 1995.

41. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-qorti nazzjonali tar-rinviju, li tillimita t-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur għall-każijiet fejn ikun skada l-perijodu ta' protezzjoni skont id-dritt nazzjonali preċedenti għad-Direttiva (sakemm dan kien iqsar minn dak previst f'din tal-aħħar, jiġifieri, sebgħin sena). Skont il-Kummissjoni, il-ġurisprudenza tikkontesta kull rilevanza għall-kawża tal-iskadenza tad-drittijiet tal-awtur, b'tali mod li d-Direttiva 93/98 tapplika wkoll meta dawn ikunu skadew minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' formalità.

42. Il-Kummissjoni tiddikjara li l-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux hija żbaljata meta tiddetermina l-eżistenza tad-drittijiet tal-awtur biss fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali, minħabba li kien dan li kien jirregola t-tul tagħhom qabel id-dħul fis-seħħ tad-direttiva. Fil-fehma tagħha, l-Artikolu 10(2) ta' din tal-aħħar jippermetti żewġ għażliet għat-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur fuq is-sedili Charly u Chaplin: jew Montis tipprovdi evidenza li dawn kienu fis-seħħ f'xi Stat Membru fl-1 ta' Lulju 1995, jew inkella tista' tiġi invokata l-protezzjoni pprovduta fid-Direttiva 92/100.

43. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tenfasizza n-natura kuntrarja għall-Konvenzjoni ta' Berna ta' dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM, u li ż-żamma tal-effett ta' estinzjoni (tad-drittijiet tal-awtur) li rriżulta min-nuqqas ta' dikjarazzjoni meħtieġa minn dak l-Artikolu tal-LBDM ma huwiex biss inkompatibbli mal-għanijiet tad-Direttiva 93/98, iżda wkoll mad-dritt fundamentali tal-proprjetà, protett mill-Artikolu 17 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni (iktar 'il quddiem, "Karta"), li jinkludi l-proprjetà intellettwali. Hija tipproponi, fil-qosor, bi tweġiba għall-qorti, li d-Direttiva 93/98 tapplika, mill-1 ta' Lulju 1995, għad-drittijiet tal-awtur bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża, li ġew estinti minħabba n-nuqqas ta' twettiq ta' formalità mid-dententur tagħhom.

IV – Analiżi tad-domandi preliminari

A – *Kjarifiki preliminari*

44. Bħala l-ewwel rimarka, se nirreferi għat-talba ta' Montis [19] sabiex l-eżami tad-domandi preliminari jiġi estiż għall-analiżi tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71, li, fil-fehma tiegħi, ma għandhiex tiġi milqugħa.

45. Għalkemm huma kunċetti magħrufin sew, infakkar li l-proċedura stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex jinqatgħu l-kawżi li jkunu tressqu quddiemhom [20]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-djalogu tagħha mal-qrati nazzjonali jinbeda permezz ta' proċedura mhux kontenzjuża, mhux fuq inizjattiva tal-partijiet, li matulha dawn jingħataw biss l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Peress li hija biss il-qorti nazzjonali li għandha s-setgħa li tiddefinixxi d-domandi, il-partijiet ma jistgħux ibiddlu l-kontenut tagħhom [21].

19 — Ara l-punt 35 iktar 'il fuq.

20 — Ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Unió de Pagesos de Catalunya (C-197/10; EU:C:2011:590), punt 16, u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk.

21 — Ara s-sentenza tas-6 ta' Lulju 2000, ATB *et* (C-402/98; EU:C:2000:366), punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.

46. Il-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux ma ġietx mistoqsija mill-Hoge Raad rigward l-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71[22], u din tal-aħħar lanqas ma għamlet riferiment għal din id-direttiva fid-domandi preliminari tagħha, u lanqas ma għamlu dan il-partijiet l-oħra fil-proċedura. Anki jekk, ipotetikament, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirriformula d-domandi magħmula lilha, sabiex tipprovdi lill-qorti nazzjonali tar-rinviju elementi oħra għat-teħid tad-deċiżjoni, ma naħsibx li t-talba ta' Montis tista' tintlaqa', peress li fil-kawża ma hemmx data suffiċjenti sabiex tingħata risposta fir-rigward tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71. Għaldaqstant, nipproponi, li s-suġġett tad-dibattitu ma jiġix estiż lil hinn mit-termini tad-domandi preliminari.

47. It-tieni kjarifika tikkonċerna d-drittijiet tal-awtur ta' Montis fuq is-sedili Charly u Chaplin, li l-eżistenza tagħhom, bħala tali drittijiet, ma hijiex ikkontestata fil-kawża prinċipali. Għalkemm jiġi diskuss it-tiġdid tagħhom abbażi tad-Direttiva 93/98, ebda waħda mill-partijiet —u lanqas il-qorti *a quo*— ma kkontestat il-fatt li l-pultruna Charly u s-siġġu Chaplin jissodisfaw il-kriterji biex jiġu protetti kemm taħt ir-regoli dwar disinni u mudelli, kif ukoll taħt dawk li jħarsu d-drittijiet tal-awtur, skont il-prinċipju tal-kumulu stabbilit fil-liġi tal-Benelux u fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71.

48. Din it-tieni osservazzjoni hija importanti b'mod partikolari, peress li, fuq livell iktar ġenerali, ma huwiex faċli li jiġi stabbilit meta oġġett (f'dan il-każ, siġġu jew pultruna) jista' jiġi kklassifikat bħala "xogħol artistiku" li jista', minħabba l-karatteristiċi uniċi tiegħu, jibbenefika mill-protezzjoni inerenti tad-drittijiet tal-awtur. Dan id-dibattitu ma għandux għalfejn jiġi indirizzat (peress li jiddependi ħafna, barra minn hekk, fuq l-evalwazzjonijiet fattwali tal-oriġinalità u l-livell kreattiv ta' kull xogħol, meta mqabbel mar-rekwiżiti funzjonali tal-oġġett), għaliex, nirrepeti, li fil-każ *a quo* ma hemm ebda dubju li l-pultruna Charly u s-siġġu Chaplin huma protetti minn drittijiet tal-awtur. Għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71 jagħti lil kull Stat Membru l-kapaċità li "jistabbilixxi sa fejn u l-kondizzjonijiet li bihom tingħata dik il-protezzjoni, magħdud il-grad ta' oriġinalità meħtieġ", jekk il-leġiżlazzjoni tiegħu tagħti lid-disinni u l-mudelli l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur stess.

49. It-tielet kjarifika tiegħi tikkonċerna l-mod li bih ifformulat id-domandi tagħha l-qorti tar-rinviju. Għar-raġunijiet li se nispjega hawn taħt, ma naħsibx li s-soluzzjoni għat-tieni domanda neċessarjament tiddependi fuq risposta affermattiva għall-ewwel waħda.

50. Għalhekk, mingħajr l-aċċettazzjoni ta' din l-allegata interdipendenza fit-termini li bihom ġiet ippreżentata, ser nibda billi nanalizza l-applikabbiltà tad-Direttiva 93/98 għall-kawża preżenti, fejn għandu jiġi interpretat l-Artikolu 10(2) tagħha. Din l-analiżi għandha sservi bħala bażi għall-eżaminazzjoni, fit-tieni lok, tal-kompatibbiltà mad-Direttiva 93/98 tar-rekwiżit formali kkontestat (id-dikjarazzjoni ta' żamma ta' dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM). Fl-aħħar għandha tiġi speċifikata, jekk ikun hemm bżonn, il-mument li fih iġġeddu d-drittijiet tal-awtur inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

B – *Dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98 u l-applikazzjoni tiegħu għal din il-kawża*

1. Riflessjonijiet ġenerali

51. Mill-premessa 11 tad-Direttiva 93/98[23] jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni armonizza t-tul tad-drittijiet tal-awtur, u ta' wħud mid-drittijiet relatati, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni, li fl-istess ħin jindirizza l-ħtiġijiet tas-suq intern u l-ħolqien ta' ambjent legali favorevoli għall-iżvilupp tal-kreattività letterarja u artistika fl-Unjoni.

22 — Madankollu, fl-osservazzjonijiet tagħha (punt 5 f'paġna 2) Montis tgħid li fl-ittra tal-21 ta' Frar 2014, mibgħuta lill-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux, sostniet it-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur tagħha, fuq il-bażi tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71.

23 — Ara l-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

52. Għalhekk, ġew stabbiliti bħala termini validi, u ugwali madwar l-Unjoni kollha, dawk tal-ħajja tal-awtur kif ukoll sebgħin sena *post mortem auctoris* (*p.m.a.*), kemm għax-xogħlijiet letterarji u artistiċi, kif ukoll għal dawk ċinematografiċi jew awdjoviżivi [24], u ħamsin sena mid-data tar-rappreżentazzjoni jew eżekuzzjoni, għall-artisti, jew mir-reġistrazzjoni, għall-produtturi ta' fonogrammi [25].

53. Fir-rigward tal-komputazzjoni ta' dawn it-termini, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/98 kien jipprevedi li dawn jibdew jiddekorru mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-fatt li ġġenera d-drittijiet tal-awtur jew tad-dritt relatat.

54. F'dan il-kuntest, u bl-istess għan tal-armonizzazzjoni tal-perijodi ta' protezzjoni, l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98 introduċa regola li rrestawrat d-drittijiet tal-awtur fi Stati Membri li fihom kienu saru ta' dominju pubbliku, fil-każ ta' żewġ sitwazzjonijiet alternattivi: a) meta fl-1 ta' Lulju 1995 [26] baqgħu jiġu protetti f'mill-inqas Stat Membru wieħed; jew b) meta l-oġġett kien jissodisfa l-kriterji sabiex jikkwalifika għall-protezzjoni skont id-Direttiva 92/100.

55. L-idea sottostanti kienet, fil-qosor, li r-restawr [27] tad-drittijiet tal-awtur fl-Istati Membri fejn ma kinux għadhom protetti, jgħaqqad il-perijodu ta' protezzjoni għaż-żmien neċessarju sabiex jintlaħaq il-massimu stabbilit mid-Direttiva 93/98. Għalhekk jiġu evitati d-distorsjonijiet ikkawżati mid-disparità fit-termini fil-moviment liberu tal-merkanzija, fil-libertà li jiġu pprovduti servizzi u fil-kompetizzjoni [28].

56. Għalkemm l-ewwel kundizzjoni alternattiva (jiġifieri, it-tkomplija tal-protezzjoni f'mill-inqas Stat Membru wieħed qabel l-1 ta' Lulju 1995) diġà ġiet eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja, kif se nispjega hawn taħt, ma ġarax l-istess fir-rigward tat-tieni waħda. Ukoll, ċertament, ma huwiex faċli li jiġi interpretat meta xogħol jissodisfa "l-kriterji għall-protezzjoni skond id-Direttiva KEE/92/100".

2. Fuq l-ewwel kundizzjoni alternattiva

57. Fis-sentenza Butterfly Music [29] ġie interpretat għall-ewwel darba l-Artikolu 10 tad-Direttiva 93/98 u, b'mod partikolari, il-paragrafu 2 tiegħu [30]. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li, skont dan il-paragrafu, l-applikazzjoni tal-perijodi ta' protezzjoni previsti setgħet twassal biex, fl-Istati Membri li l-leġiżlazzjoni tagħhom kienet tipprevedi perijodu ta' protezzjoni inqas twil, jerġgħu jiġu protetti xogħlijiet jew suġġetti li kienu saru parti mid-dominju pubbliku.

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, fl-istess ħin, li din il-konsegwenza kienet tirriżulta mir-rieda espliċita tal-leġiżlatur Komunitarju [31], fejn ikkonfermat li kellha tintlaħaq, mill-iktar fis possibbli, l-armonizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali dwar it-termini tal-validità tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati [32], u jiġi evitat li ċerti drittijiet ikunu skadew f'xi Stati Membri, filwaqt li f'xi oħrajn jkunu baqgħu koperti [33].

24 — L-Artikoli 1(1) u 2(1) rispettivament tad-Direttiva 93/98.

25 — L-Artikolu 3(1) u (2) rispettivament tad-Direttiva 93/98.

26 — Din id-data ġejja mill-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/98.

27 — Jintużaw minflok xulxin sabiex jispjegaw l-istess fenomenu legali t-termini: tiġdid, restawr, rinaxximent jew riattivazzjoni tal-liġi.

28 — Ara l-premessa 3 tad-Direttiva 2006/116, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 7. Id-distorsjonijiet ma kinux purament ipotetiċi, kif kien muri fis-sentenza tal-24 ta' Jannar 1989, EMI Electrola vs Patricia Im- und Export *et* (341/87; EU:C:1989:30).

29 — C-60/98, EU:C:1999:333.

30 — Id-domanda tal-qorti tar-rinviju rreferiet għall-protezzjoni tad-drittijiet kweżiti minn terzi, jiġifieri, il-paragrafu 3.

31 — Din ir-rieda ħarġet wara li tqabblet il-proposta inizjali tal-Kummissjoni (li tgħid li d-dispożizzjonijiet tagħha kienu japplikaw "għad-drittijiet li ma skadewx fil-31 ta' Diċembru 1994") mal-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew fil-formulazzjoni ġdida li, fil-punti essenzjali tagħha, kienu inklużi fil-verżjoni finali tad-Direttiva 93/98. Ara l-paragrafi 18 u 19 tas-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1999, Butterfly Music (C-60/98, EU:C:1999:333).

32 — Għan iddikjarat fit-tieni premessa tad-Direttiva 93/98.

33 — Sentenza tad-29 ta' Ġunju 1999, Butterfly Music (C-60/98, EU:C:1999:333), punt 20.

59. Din l-interpretazzjoni ġiet iċċarata fis-sentenza Sony Music Entertainment, fejn ġie deċiż li l-ewwel kundizzjoni alternattiva tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98 timplika l-eżistenza minn qabel ta' protezzjoni tal-oġġett f'mill-inqas Stat Membru wieħed, għalkemm mhux neċessarjament f'dak fejn tintalab [34]. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li t-terminu armonizzat japplika wkoll meta l-oġġett tad-drittijiet tal-awtur ma kien gawda minn ebda protezzjoni, fi kwalunkwe ħin, fl-Istat Membru fejn jintalab [35].

60. Finalment, fis-sentenza Flos [36], il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, l-ewwel, il-prinċipju tal-kumulu tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-disinni u l-mudelli [37], u, imbagħad, ċaħdet lill-Istati Membri s-setgħa li jirregolaw it-tul tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, peress li diġà kien ġie stabbilit fid-Direttiva 93/98 [38]. Hija kkonkludiet li "skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/71, id-disinji [jew mudelli] li kienu ġew irreġistrati fi Stat Membru jew għal Stat Membru u li kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ksib tal-protezzjoni permezz tad-drittijiet tal-awtur previsti mill-Istati Membri, partikolarment dik li tirrigwarda l-grad ta' oriġinalità, u li għalihom il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 93/98, moqri flimkien mal-Artikolu 10(2) tagħha, ma kienx għadu ntemm, kellhom jibbenefikaw mill-protezzjoni permezz tad-drittijiet tal-awtur ta' dan l-Istat Membru" [39].

61. Permezz tat-trasferiment ta' din il-ġurisprudenza għall-każ tas-sedili Charly u Chaplin, u filwaqt li tiġi rrikonoxxuta l-kapaċità ta' dawn iż-żewġ oġġetti li jibbenefikaw mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur (li, nirrepeti, ma ġiet ikkontestata minn ħadd), l-effett ta' "restawr" tad-Direttiva 93/98 għandu japplika għad-drittijiet tal-awtur ta' Montis, jekk tiġi prodotta prova li fl-1 ta' Lulju 1995 baqgħu protetti f'xi Stat Membru, kemm jekk fil-Pajjiżi l-Baxxi jew fi Stat ieħor.

62. Madankollu, b'risposta għal domanda, magħmula waqt is-seduta, dwar jekk is-sedili kinux protetti mid-drittijiet tal-awtur f'xi Stat Membru (peress li fl-osservazzjonijiet bil-miktub ppreżentati deher li kienet diskussa l-validità ta' dawn id-drittijiet fil-Ġermanja), kemm Montis kif ukoll Goossens b'mod definittiv irrispondew "le".

63. Il-punt tat-tluq, għalhekk, bħala fatt ipprovat, għandu jkun li fl-1 ta' Lulju 1995 is-sedili Charly u Chaplin ma kinux protetti bid-drittijiet tal-awtur f'ebda Stat tal-Unjoni. Konsegwentement, Montis ma tistax tinvoka l-effett retroattiv tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, billi tibbaża ruħha fuq l-ewwel kriterju alternattiv li jagħti lok għal dan l-effett [40].

3. Fuq it-tieni kundizzjoni alternattiva

64. Il-problemi ermenewtiċi huma ikbar fir-rigward tar-rekwiżit alternattiv l-ieħor sabiex japplikaw il-perijodi ta' protezzjoni stabbiliti fid-Direttiva 93/98, fl-Artikolu 10(2) tagħha, li l-aħħar inċiż tiegħu jagħmel riferiment għad-Direttiva 92/100. Diġà indikajt li ma teżistix ġurisprudenza f'dan ir-rigward.

34 — Sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, Sony Music Entertainment (C-240/07, EU:C:2009:19), punt 22.

35 — *Idem*, punt 25.

36 — Sentenza tas-27 ta' Jannar 2011, C-168/09; EU:C:2011:29.

37 — *Idem*, punti 37 u 38.

38 — *Idem*, punt 39.

39 — *Idem*, punt 41.

40 — Xejn ma jbiddel il-fatt li, skont Montis, il-prova ta' tali validità fil-Ġermanja kienet kapaċi li tintwera fil-qafas ta' tilwima oħra ma' terz, peress li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija kwistjoni proċedurali fil-kawża quddiem il-Hoge Raad (qorti suprema) tal-Pajjiżi l-Baxxi, li fil-kuntest tagħha la għandhom jiġu diskussi l-fatti u lanqas ma għandhom jiġu prodotti provi ġodda.

65. Il-kliem ta' dak l-inċiż u l-qari sussegwenti tad-Direttiva 92/100 joħolqu ċerta konfużjoni, minħabba li ma huwiex faċli li jiġu identifikati l-"kundizzjonijiet ta' protezzjoni" allegatament previsti f'din tal-aħħar [41]. Fil-fatt, id-Direttiva 92/100, fl-Artikolu 2 tagħha tipprovdi biss għad-detenturi u l-materji tad-drittijiet tal-kiri u self, u drittijiet oħra relatati mad-drittijiet tal-awtur, fuq ix-xogħlijiet protetti minn dawn tal-aħħar [42].

66. Għalkemm f'ċerti każijiet id-Direttiva 92/100 ssemmi ċerti kriterji li għandhom jiġu ssodisfatti, bħal dawk tal-produttur ċinematografiku (ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2(1)) [43], f'oħrajn ma tispeċifikahomx, bħal fil-każ tal-produttur ta' fonogrammi (it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(1)). Madankollu fil-każijiet kollha għandhom jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti ġenerali ta' protezzjoni li jinsabu f'din id-Direttiva [44], inkluż it-tul ta' protezzjoni previst fl-Artikolu 12 [45].

67. Fir-rigward tal-kawża preżenti, għandu jitfakkar li l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 92/100 kien jillimita wkoll ir-restawr tad-drittijiet rikonoxxuti fiha għal dawk li "jkunu, fl-1 ta' Lulju 1994, għadhom protetti bil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri [...] *jew li jissodisfaw il-kriterji għall-protezzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva f'dik id-data*" [46].

68. Minn perspettiva storika li forsi tista' tinftiehem aħjar: id-Direttiva 92/100 obbligat għall-ewwel darba lill-Istati Membri jipproteġu ċerti drittijiet sew jekk ma kinux protetti fl-Istati kollha kif ukoll jekk ma kinux protetti f'ebda wieħed minnhom [47]. L-iktar wieħed ovvju huwa d-dritt tal-artist fir-rigward tal-iffissar tal-wirjiet tiegħu [48], li introduċiet id-Direttiva 92/100 stess.

69. Fid-dawl ta' dawn l-indikazzjonijiet, u jekk nerġgħu nirreferu għad-Direttiva 93/98, jidher li r-riferiment li l-Artikolu 10(2), *in fine*, tagħha jagħmel għad-Direttiva 92/100 għandu jinftiehem fis-sens li din kienet tikkonferma —u, fejn xieraq, testendi— il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fuq xogħlijiet jew oġġetti li diġà kienu jibbenefikaw minnha fl-1 ta' Lulju 1994, jew li suppost kellhom jibbenefikaw minn din il-protezzjoni, kieku l-Istati Membri rispettivi ttrasponew id-Direttiva 92/100 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom [49].

70. Id-Direttiva 93/98 ma kinitx qiegħda tipproponi t-tiġdid retroattiv ta' xi drittijiet tal-awtur u oġġetti li kienu saru parti mid-dominju pubbliku fl-Istati Membri, peress li tali miżura ma kinitx indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern [50]. Hija kellha l-għan biss li l-protezzjoni tagħha tilħaq id-drittijiet u l-oġġetti li, alternattivament, kienu għadhom eżistenti f'xi Stat Membru fl-

41 — Il-Kummissjoni aċċettat, matul is-seduta, li d-Direttiva 92/100 ma fihiex il-"kundizzjonijiet ta' protezzjoni" li jirreferi għalihom l-aħħar inċiż tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98.

42 — Isir riferiment, b'mod partikolari, għad-drittijiet esklużivi li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-kiri jew is-self, li jista' jkollhom: l-awtur (rigward l-oriġinal u l-kopji tax-xogħlijiet tiegħu), l-artist (dwar l-iffissar tal-wirjiet tiegħu), il-produttur tal-fonogramm (dwar il-fonogrammi tiegħu) u l-produttur tal-ewwel iffissar ta' film (dwar l-oriġinal u l-kopji tal-film tiegħu).

43 — Għandu jkun l-ewwel iffissar ta' film — li huwa ddefinit ukoll f'din id-dispożizzjoni — u d-drittijiet jestendu biss għall-oriġinal u l-kopji.

44 — Għall-produtturi ta' fonogrammi huwa minimu ta' għoxrin sena, skont ir-riferiment għall-Konvenzjoni ta' Ruma għall-Protezzjoni tal-Artisti, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet tax-Xandir (1961), l-Artikolu 14 (verżjoni bl-Ispanjol fuq http://www.wipo.int/treaties/es/text.jsp?file_id=289758)

45 — Reinbothe, J./von Lewinski, S., *The EC Directive on Rental and Lending Rights and on Piracy*, Londra, 1993, p. 120.

46 — Ma hemmx korsiv fl-oriġinal.

47 — Ara Commission of the European Communities, *Green Paper on Copyright and the Challenge of Technology – Copyright Issues Requiring Immediate Action*, COM(88) 172 final, p. 159.

48 — It-tieni inċiż tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 92/100.

49 — Walter, M.M., "Term Directive – Article 10 Application in time", f'Walter, M.M./Von Lewinski, S., *European Copyright Law – A Commentary*, Oxford, 2010, p. 622.

50 — Jorna, K./Martin-Prat, M., "New rules for the game in the European copyright field and their impact on existing situations", *European intellectual Property Review* (EIPR), 1994, p. 148.

1 ta' Lulju 1995 jew li kellhom ikunu eliġibbli għal tali protezzjoni taħt id-Direttiva 92/100. Il-pjan tagħha, għaldaqstant, kif diġà fakkart kien li tgħaqqad it-terminu ta' protezzjoni madwar l-Unjoni kollha u għalhekk tevita d-distorsjonijiet ikkawżati mid-disparità tat-termini nazzjonali ta' protezzjoni [51].

71. Fi kwalunkwe każ, Montis titlob ir-restawr tad-drittijiet tal-awtur tagħha u tal-protezzjoni mogħtija lis-sedili tagħha, iżda ebda dritt ta' kiri jew self jew drittijiet tal-awtur oħra (jew drittijiet simili) minn fost dawk speċifikament stipulati fid-Direttiva 92/100. Għalhekk, lanqas ma hija intitolata sabiex tinvoka r-riferiment għall-Artikolu 10(2), *in fine*, tad-Direttiva 93/98.

4. Dwar ir-referiment possibbli għad-Direttiva 98/71

72. Matul is-seduta deher li kien hemm ftehim bejn il-partijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni tar-riferiment li l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98 jagħmel għad-Direttiva 92/100 b'mod flessibbli u dinamiku, fis-sens li jiġi estiż għar-regoli kollha ta' armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi d-disinni u l-mudelli, li l-protezzjoni legali tagħhom fil-livell tal-Unjoni hija rregolata mid-Direttiva 98/71. B'dan il-mod, tiġi stabbilita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur paralleli għad-dritt fuq il-mudell tas-sedili inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

73. Madankollu, din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-riferiment inkwistjoni ma tikkonvinċinix.

74. L-ewwel nett, minn perspettiva purament formali, l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2006/116, li jikkodifika t-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati, jirriproduċi l-kliem tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, fejn jinżamm mhux mittiefes ir-riferiment għad-Direttiva 92/100. Din l-informazzjoni hija biżżejjed sabiex turi li l-leġiżlatur ma kellux l-intenzjoni li jestendi r-riferiment għal tipi oħra ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Fil-fatt, meta fl-2006 ġiet adottata l-imsemmija direttiva ta' kodifikazzjoni, il-leġiżlatur setgħa faċilment estenda dan ir-riferiment għad-Direttiva 98/71 dwar il-protezzjoni ta' disinji, li kienet fis-seħħ dak iż-żmien, iżda ma għamlitx dan.

75. Iżda, madankollu, minn perspettiva sostantiva, kien loġiku li d-Direttiva 2006/116 tinkorpora eżattament l-istess riferiment għad-Direttiva 92/100, għaliex it-tul tad-drittijiet protetti minn din tal-aħħar, inizjalment ibbażat fuq perijodi minimi, kien ġie ssostitwit mit-tul previst fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 93/98 [52]. Fi kliem ieħor, ir-regolamentazzjoni tat-terminu ta' skadenza tad-drittijiet previsti fid-Direttiva 92/100 kienet, fil-fatt, tinstab fid-Direttiva 93/98. Konsegwentement, ir-riproduzzjoni tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98 fid-Direttiva 2006/116 kien essenzjali sabiex jiġi żgurat il-perijodu ta' protezzjoni tad-drittijiet irregolati mid-Direttiva 92/100, b'mod partikolari, fil-każijiet li fihom dawn id-drittijiet ma kinux irrikonoxxuti fl-Istati Membri kollha.

76. Madankollu, fir-rigward tad-Direttiva 98/71, minn naħa, it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet fuq il-mudelli huwa rregolat fl-Artikolu 10 tagħha u huwa kkonfigurat għal perijodi ta' ħames snin, jiġifieri, b'mod differenti ħafna mill-perijodu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati. Min-naħa l-oħra, il-konnessjoni bejn id-drittijiet fuq il-mudelli u d-drittijiet tal-awtur kienet twettqet permezz tal-Artikolu 17 tagħha, li jirreferi essenzjalment għad-dritt nazzjonali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, lanqas ma kienx meħtieġ riferiment appoġġjat minn interpretazzjoni laxka ħafna tar-riferiment għad-Direttiva 92/100, u wieħed lanqas ma jista' jaħseb liema skop leġiżlattiv kien ikun qed josserva dan ir-riferiment il-ġdid.

51 — Ara, fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 1988, Warner Brothers *et* vs Christiansen (158/86; EU:C:1988:242), punti 10 sa 16.

52 — Skont l-Artikolu 11 tagħha, li espressament iħassar l-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 92/100, li kienu jistabbilixxu dan it-tul "minimu", fl-istennija ta' "iktar armonizzazzjoni", li ġiet introdotta bid-Direttiva 93/98 (ara l-premessa 16 tagħha).

5. Korollarju

77. Fi ftit kliem: a) Montis ma tistax tibbenefika mill-ewwel inċiż tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, wara li ammettiet li d-drittijiet tal-awtur tagħha fuq is-sedili Charly u Chaplin ma kinux fis-seħħ, fid-data meħtieġa, f'ebda Stat tal-Unjoni; u b) lanqas ma tista' tgawdi l-protezzjoni tad-Direttiva 92/100, peress li r-riferiment li jagħmel għaliha l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98 ma huwiex applikabbli għal dan it-tip ta' drittijiet tal-awtur, iżda biss għal dawk imsemmija fid-Direttiva 92/100 stess. Barra minn hekk, kif diġà ntqal, ir-riferiment għall-protezzjoni tad-Direttiva 98/71 fuq id-disinni ma għandux jiġi estiż.

78. Madankollu, id-Direttiva 93/98 tista' tkun applikabbli għall-każ tad-drittijiet tal-awtur ta' Montis fil-każ li dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM, billi jipprekludi r-restawr tad-drittijiet tal-awtur, ikun inkompatibbli magħha, minħabba li jmur kontra l-għan imfittex mill-Artikolu 10(2). U dan huwa, preċiżament, is-sens tat-tieni domanda magħmula mill-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux.

C – *Dwar il-kompatibbiltà ta' dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM mad-Direttiva 93/98*

79. Il-Protokoll [53], iffirmat fi Brussell fl-20 ta' Ġunju 2002 ħassar, b'effett mill-1 ta' Diċembru 2003, dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM u l-korollarju tiegħu, l-Artikolu 24 tal-istess liġi. Ir-raġunijiet għal dan it-tħassir kienu, kif diġà ddikjarajt, li l-Hoge Raad kienet iddikjarat li dawn imorru kontra l-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna [54] u li l-Artikolu 9 tal-Ftehim TRIPS impona l-osservanza ta' din il-konvenzjoni fuq l-Istati firmatarji.

80. Dik id-deċiżjoni dehret loġika, peress li l-LBDM kienet teħtieġ li d-detenturi ta' drittijiet tal-awtur fuq mudelli jew disinni, jekk riedu li dawn jibqgħu validi, jipprovdu dikjarazzjoni ta' żamma li kellha tiġi sottomessa fi żmien sena mill-estinzjoni ta' kull perijodu ta' ħames snin ta' protezzjoni. Id-dikjarazzjoni, fil-fatt, kienet waħda mill-formalitajiet ipprojbiti mill-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna u, għalhekk, tneħħiet mil-LBDM.

81. Ir-rabta bejn il-Konvenzjoni ta' Berna u d-dritt tal-Unjoni, permezz tal-Artikolu 9(1) tal-Ftehim TRIPS, tfisser li dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM kien ukoll, mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim TRIPS, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

82. L-inkompatibbiltà ta' dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM mal-liġi internazzjonali u, eventwalment, mad-dritt tal-Unjoni permezz tal-Ftehim TRIPs binomjali – il-Konvenzjoni ta' Berna, ma ssolvix, madankollu, id-dibattitu dwar ir-relazzjoni tiegħu mad-Direttiva 93/98.

83. Goossens issostni li d-Direttiva 93/98 ma armonizzatx il-proċeduri għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur. Tali dikjarazzjoni ma hijiex kompletament korretta, peress li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/98 jirregola l-kalkolu tat-termini, fattur li jaffettwa l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet. Iżda, anki li kieku kienet korretta, din id-dikjarazzjoni ma tippermettix iż-żamma tal-effettività ta' dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 93/98.

84. Anki jekk l-armonizzazzjoni mwettqa mid-Direttiva 93/98 ma tkoprix l-aspetti proċedurali tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur fuq disinni u mudelli, ikun illoġiku —u assolutament formalistiku — li tiġi aċċettata l-eżistenza kontinwa ta' dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM fil-kuntest ta' protezzjoni estiża temporanjament (sebgħin sena) għad-drittijiet tal-awtur, bħal dik stabbilita minn din id-direttiva, li teħtieġ anki t-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur li diġà ġew estinti.

53 — Ara, mill-ġdid, in-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

54 — Riprodott fil-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet. F'dan ir-rigward, it-tgawdija u l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur ma huma suġġetti għal ebda formalità.

85. Għalkemm id-Direttiva 93/98 hija ispirata mill-prinċipji bażiċi tal-Konvenzjoni ta' Berna (li jsir riferiment għaliha ripetutament) [55] u wieħed minn dawn il-prinċipji huwa l-projbizzjoni li d-drittijiet tal-awtur jiġu suġġetti għal ċerti formalitajiet amministrattivi, ikun diffiċli li wieħed jaċċetta li, ladarba daħlet fis-seħħ id-Direttiva 93/98, ir-rekwiżit ta' dak li kien l-Artikolu 21 LBDM jibqa' regola nazzjonali (f'dan il-każ, tal-Benelux) bħala kundizzjoni għall-eżistenza ta' dawn l-istess drittijiet. Li kieku din il-formalità ma kinitx meħtieġa, jew li kieku kienet tneħħiet fil-ħin, id-detentur tad-drittijiet tal-awtur iggarantiti mid-Direttiva 93/98 seta' jkun eliġibbli għall-benefiċċji mogħtija minnha, sabiex jiġi estiż il-perijodu ta' protezzjoni tagħha. Il-kontinwazzjoni tal-eżistenza tar-rekwiżit ta' dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM eskludiet din il-possibbiltà u, għalhekk, dgħajfet l-effett utli tad-Direttiva 93/98.

86. Barra minn hekk, billi llimita b'dan il-mod id-drittijiet tal-awtur, dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM, mar kontra l-effikaċità tad-Direttiva 93/98, sa fejn dan kien jipprekludi l-kisba tal-għanijiet previsti fil-premessa 11 tagħha [56], jiġifieri, li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni u jinħoloq ambjent legali li jwassal għall-iżvilupp armonjuż tal-kreattività letterarja u artistika.

87. Nemmen, għaldaqstant, li l-effett utli tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, ladarba jiskadi l-perijodu ta' traspożizzjoni tiegħu, kien jipprekludi l-applikabbiltà ta' regola nazzjonali bħal dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM, peress li d-drittijiet tal-awtur fuq xogħol, li skadew qabel l-1 ta' Lulju 1995 minħabba n-nuqqas ta' twettiq ta' formalità, komplew jitqiesu bħala estinti.

88. Madankollu, din l-interpretazzjoni għandha bżonn żewġ kwalifiki. L-ewwel waħda hija li l-inkompatibbiltà tal-Artikolu 21 tal-LBDM mad-Direttiva 93/98 isseħħ, kif diġà għidt, fuq il-bażi tal-effettività ta' din tal-aħħar. Wieħed ma għandux jargumenta, fuq il-bażi tad-Direttiva 93/98, li dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM kien inkompatibbli magħha qabel ma d-direttiva nnifisha ma bdiet teżisti legalment, minkejja li kienet tmur kontra l-Konvenzjoni ta' Berna, li dak iż-żmien ma kinitx marbuta mad-dritt tal-Unjoni.

89. It-tieni kwalifika hija li, peress li l-kwistjoni bejn Montis u Goossens hija kawża *inter privatos*, il-qorti li għandha tiddeċiedi għandha tiġi mfakkra li d-direttivi ma għandhomx effett dirett orizzontali, anki meta jkun hemm regoli ċari, preċiżi u inkundizzjonati li jipprevedu drittijiet jew jimponu obbligi fuq l-individwi [57]. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja teħtieġ li l-qorti nazzjonali, f'din il-kawża, tinterpreta d-dritt nazzjonali tagħha, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-liġi nazzjonali kollha tagħha u billi tuża l-metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn din sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-direttiva u tintlaħaq soluzzjoni konformi mal-għan imfittex [58].

90. L-obbligu tal-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva, meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali tagħha, madankollu huwa llimitat mill-prinċipji ġenerali tal-liġi, b'mod partikolari, dawk ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività u ma jiġġustifikax interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali [59].

55 — Premessi 1, 5, 12, 14, 17 u 22; u l-Artikoli 1 u 7.

56 — Riprodott fil-punt 9.

57 — Ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Carp (C-80/06; EU:C:2007:327), il-punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata.

58 — Sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584), punt 113 u l-ġurisprudenza ċċitata; u tal-15 ta' Settembru 2011, Mücksch (C-53/10; EU:C:2011:585), punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata.

59 — Sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et* (C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250), punt 199 u l-ġurisprudenza ċċitata.

91. Għalkemm hija l-qorti nazzjonali tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk tistax tinterpreta d-dritt nazzjonali —fil-perijodu msemmi preċedentement— skont id-Direttiva 93/98, jekk, kif nissuspetta, dan ma jkunx possibbli, il-parti li tbati minħabba n-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali ma' dak tal-Unjoni tista' tinvoka l-ġurisprudenza dwar il-kumpens għad-danni mġarrba minħabba tali ċirkustanza, sakemm ikunu jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa minn dik il-ġurisprudenza [60].

92. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-eventwali applikazzjoni diretta tal-Artikolu 17(2) tal-Karta, li jipproteġi d-dritt tal-proprjetà intellettwali, dispożizzjoni li għaliha għamlet riferiment il-Kummissjoni [61], biżżejjed li jingħad li l-fatti tal-kawża jmorru lura għal dati li fihom il-Karta ma kinitx legalment vinkolanti. Għaldaqstant, nemmen li l-polemika dwar jekk dan l-artikolu tal-Karta jistax jipprovdi dritt suġġettiv għall-individwi, fis-sens tal-ġurisprudenza Kücükdeveci [62], li tippermetti l-applikazzjoni tagħha f'kawża *inter privatos* irregolata mid-Direttiva 93/98 hija superfluwa.

93. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni —filwaqt li kienet fis-seħħ— għalhekk, ma setgħetx tikser l-Artikolu 17(2) tal-Karta, peress li dak iż-żmien ma kellux effetti legali. F'kull każ, il-ksur potenzjali tad-dritt għall-proprjetà, minħabba l-effetti estintivi tar-rekwiżit formali ta' dak li kien l-Artikolu 21(3) tal-LBDM, lanqas ma huwa attribwibbli lill-parti l-oħra fil-kawża prinċipali.

D – *Dwar id-data tat-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur*

94. Id-dubji dwar il-mument li fih seħħ it-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur fuq il-pultruna Charly u s-siġġu Chaplin huma raġonevoli. Montis titlob li dawn għandhom jiġu rintraċċati lura għad-data li fiha skadew, jiġifieri, it-18 ta' April 1993. Ma naħsibx, madankollu, li bbażat ruħha fuq id-Direttiva 93/98 sabiex tasal għal din il-konklużjoni, li, madankollu, tista' tiġi sostnuta minn argumenti ta' natura oħra.

95. Fil-fatt, il-qorti nazzjonali tista', eventwalment, tinterpreta li t-tħassir ta' dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM abbażi tal-Protokoll kellu effetti retroattivi, b'tali mod li l-estinzjoni tad-drittijiet tal-awtur minħabba dik id-dispożizzjoni tkun invalida *ex tunc* (mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi). Il-qrati tal-pajjiżi tal-Benelux jistgħu wkoll, jekk il-liġijiet tagħhom jippermettu dan, jiddeċiedu li l-inkompatibbiltà ta' dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM mal-Konvenzjoni ta' Berna kienet tirrendi ineffettiva, mill-ġdid *ex tunc*, l-estinzjoni tad-drittijiet tal-awtur minħabba ksur tal-formalitajiet amministrattivi. Fiż-żewġ każijiet, iktar milli restawr tad-drittijiet tal-awtur mitlufa, dak li jseħħ tkun konstatazzjoni li, legalment, dawn qatt ma saru estinti. Iżda sabiex tintlaħaq waħda minn dawn is-soluzzjonijiet, fil-fehma tiegħi, ma jistgħux jistennew l-għajnuna tal-Qorti tal-Ġustizzja, li la għandha l-ġurisdizzjoni biex tinterpreta d-dritt nazzjonali (f'dan il-każ, il-LBDM u l-Protokoll li jħassarha parzjalment), u lanqas sabiex tqabbilha mar-regoli tal-liġi internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Berna) meta ma kinux jiffurmaw parti mid-dritt tal-Unjoni.

96. Fil-fehma tiegħi, it-tiġdid tad-drittijiet tal-awtur ikkawżat mid-Direttiva 93/98 seħħ, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, fl-1 ta' Lulju 1995, jiġifieri, fil-jum previst fl-Artikolu 10(2) tagħha moqri flimkien mal-Artikolu 13(1). Il-leġiżlatur Komunitarju ddikjara (fl-Artikolu 13(1)) li l-Istati Membri kellhom jadottaw, qabel dik il-ġurnata, il-miżuri neċessarji sabiex jadattaw ruħhom għas-sistema l-ġdida

60 — Il-kundizzjonijiet kumulattivi għat-tnissil tar-responsabbiltà huma, fil-qosor: a) l-għan tad-direttiva għandu jkun li jingħataw drittijiet lill-individwi; b) il-kontenut ta' dawn id-drittijiet għandu jkun jista' jiġi stabbilit fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva; u ċ) għandu jkun hemm rabta kawżali bejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tal-Istat Membru u d-dannu subit. Ara s-sentenzi tal-24 ta' Jannar 2012, Domínguez (C-282/10; EU:C:2012:33), punt 43, u tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et* (C-378/07 sa C-380/07; EU:C:2009:250), punt 202, u l-ġurisprudenza ċċitata.

61 — Il-Kummissjoni ssostni, fil-punt 45 tal-osservazzjonijiet tagħha, li l-limitazzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali għandha tirrispetta, fi kwalunkwe każ, il-kontenut essenzjali tiegħu, b'riferiment għas-sentenzi tal-24 ta Novembru 2011, Scarlet Extended (C-70/10; EU:C:2011:771), punt 43, u tas-16 ta' Lulju 2015, Coty Germany (C-580/13; EU:2015:485), punt 35. Madankollu, ma jidhirx li regola li tintroduċi b'mod eċċezzjonali r-restawr retroattiv tad-drittijiet tal-awtur, wara li dawn ikunu saru ta' dominju pubbliku, tintegra l-element essenzjali tad-dritt tal-proprjetà.

62 — Sentenza tad-19 ta' Jannar 2010, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 56.

unifikata tad-drittijiet tal-awtur, inkluż ir-restawr eventwali ta' dawn id-drittijiet (idderivat mill-Artikolu 10(2)). Huwa kien konxju, ukoll, tal-"att ta' sfruttar imwettaq" minn terzi qabel dik id-data, li mingħajr preġudizzju għalihom, u għad-drittijiet kweżiti, estenda t-terminu ta' protezzjoni sa sebgħin sena.

97. Madankollu, naħseb li għandha ssir separazzjoni bejn din id-data u tnejn l-oħra: l-ewwel, dik tal-mument (id-19 ta' April 1993) fejn, mingħajr interruzzjoni, jiġġeddu d-drittijiet tal-awtur li saru ta' dominju pubbliku mingħajr raġuni legalment permissibbli. Dan ikun il-mument tar-restawr jekk il-qrati tal-Pajjiżi l-Baxxi jiddeterminaw li d-dikjarazzjoni ta' żamma hija illegali u jiddeċiedu li, peress li jitqies bħala mhux impost, tali rekwiżit ma kienx jeżisti. F'dan ix-xenarju jirriżulta applikabbli l-perijodu ta' sebgħin sena *p.m.a.* ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, peress li dawk ta' Montis, madankollu, kienu fis-seħħ fi Stat Membru fl-1 ta' Lulju 1995.

98. It-tieni data [63] hija tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll li bih tħassar dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM, fl-1 ta' Diċembru 2003. Peress li inkwistjoni hemm id-dritt tal-Benelux, li għal dan it-tip ta' proċeduri jitqies bl-istess mod bħad-dritt nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tkun dik li tinterpretah. Jekk, kif qed nipproponi, id-data tar-restawr tad-drittijiet tal-awtur ta' Montis tista' tkun biss, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, l-1 ta' Lulju 1995, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw il-valur tad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll u l-eventwali effetti retroattiv tiegħu. Għalkemm l-interpretazzjoni ta' din ir-regola domestika ma tikkonċernanix, forsi jista' jiġi dedott minnha li d-drittijiet imġedda ta' Montis ma kinux inforzabbli kontra terzi sal-1 ta' Diċembru 2003, li jwassalni għal riflessjoni tal-aħħar dwar il-protezzjoni tad-drittijiet ta' terzi *in bona fide*.

99. Loġikament, dawn it-terzi ma għandhom jintalbu ebda kumpens finanzjarju għall-użu indebitu ta' dawn id-drittijiet qabel id-data tat-tiġdid tagħhom, l-1 ta' Lulju 1995, minħabba l-obbligu ċar previst fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 93/98. Madankollu, it-tieni sentenza ta' dan l-istess paragrafu tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri sabiex jipproteġu d-drittijiet kweżiti minn terzi, billi jagħtihom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' ħafna sabiex jilleġiżlaw.

100. F'dawn iċ-ċirkustanzi, bla ħsara għall-punti preċedenti, huwa d-dritt nazzjonali li għandu jirregola l-effetti tat-tħassir ta' dak li kien l-Artikolu 21 tal-LBDM mill-1 ta' Diċembru 2003, skont il-Protokoll, u jiddetermina jekk tali tħassir jistax jiġi kklassifikat bħala att leġiżlattiv ta' dan it-tip, proporzjonali għall-għan imfittex mid-direttiva. Peress li l-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux ma staqsietx speċifikament dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 93/98, ma huwiex neċessarju li wieħed jidħol f'dan l-aspett tal-każ.

V – Konklużjoni

101. Fid-dawl tal-argumenti preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qorti tal-ġustizzja tal-Benelux kif ġej:

1) L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98/KEE, li tarmonizza d-dewmien ta' protezzjoni ta' drittijiet ta' l-awtur u ċerti drittijiet relatati, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tgħid li jibqgħu jitqiesu bħala estinti d-drittijiet tal-awtur fuq xogħol artistiku li, minħabba s-sempliċi nuqqas ta' twettiq ta' formalità amministrattiva, kienu skadew qabel l-1 ta' Lulju 1995. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża bejn individwi mressqa quddiemha, tistax tinterpreta d-dritt tagħhom b'mod konformi mal-imsemmija direttiva u, jekk ikun meħtieġ, ma tapplikax ir-regola nazzjonali.

63 — Montis issuġġeriet it-tielet data, is-17 ta' Novembru 1998, dik tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 98/71. Għar-raġunijiet ipprovduti fil-punti 44 u sussegwenti, peress li d-dibattitu ma jestendix għall-impatt potenzjali ta' din id-direttiva, nemmen li ma hemmx raġuni biex inkunu interessati f'din id-data possibbli.

2) L-Artikolu 10(2) moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/98 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet tal-awtur ikkonċernati ġew imġedda fl-1 ta' Lulju 1995.